

Brussell, 3 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8656/22

AGRI 165
DELECT 73

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	8124/22
Suġġett:	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' 8.4.2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni maħruġa fl-Ukrajna <i>- Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet</i>

1. Fit-8 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat imsemmi hawn fuq lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 290 TFUE u l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi¹.
2. Għaldaqstant, il-Presidenza poġġiet il-punt fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-KSA tat-2 ta' Mejju 2022. Il-KSA approva l-inklużjoni bħala punt "A" tad-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jopponix ir-Regolament Delegat.
3. Għaldaqstant huwa ssuġġerit li l-KSA jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma li l-Kunsill m'għandu ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan. Dan jimplika li, sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għal dan, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹ ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.